Il-grande Sacrificio
Ed.

Mara l-Purtura tal Hadid

Clo. Gauci
40 St. Francis Str.
Sliema

D. 31.

Salesian Theatre

- Sliema -

Script Nos: 364

D E D I K A

-------------

Lil Dun Pawl Vella, Salesjan, li drajt inhobb bhal hija u li l-firda tieghu minni sejra ttellifni habib sew tal-qalb kemm ukoll tar-ruh. Nixtieqlu minn qalbi : [illegible].

22 ta' Ottubru 1951

# WARA L-PURTIERA TAL- HADID

minn Angelo Sala

Maqlub Ghall- Malti u ~~lokalizz~~at

minn Carmelo Gauci

Drama fi tliett atti fuq il-persekuzjoni Russa. Kapaci li jqanqal il-qlub l-ikter ibsin.

**-Persunaggi-**

| | | |
|---|---|---|
| Mattew Ljubowsky | missier Demetriju | Attard Tony |
| Demetriju | iben Mattew | Busittil Livio |
| Leonida | seftur ta' Mattew | Virtu Attilio |
| Marjano Sokolowsky | sacerdot | Farrugia Roby |
| Kamenez | partiott tal fidi l-guida Russa. | Attard G. |
| Kolossoff u Korgikoff | pulizzija Russi | Socco Spiro<br>Borg Alb. |

Ix-xena

Fid-dar ta' Mattew Ljubowsky......Il-kamra tal-pranzu....Zewg bibien fil-gnub....Il-bieb tal lemin jaghti ghal barra.... Il-bieb tax-xellug jaghti ghall-kmamar l-ohra tad-dar..... Tieqa ghall-barra. Cumnija bin-nar jaqbad... F'rokna tal-kamra in-nicca profanata.....Filghaxija tard hafna.... Barra niezel is-silg u kwiet perfett.

XENA I

--------

Ljub. (Jippassigga agitat hafna ma tul is-sala, ipejjep. Kultant jieqaf ftit quddiem it-tieqa, u wara li naddaf ftit il-hgiega bil-id jonfhilha, jipprova jhares iktar il-boghod) Ghad ma wasal hadd; s'issa suppost li ga waslu lura! Jien qatt ma rajt nies ghazzenin hekk. Tihom joqoghdu l-jum kollu jitghazznu u ma jkunux bizzejjed l-ixkubetti kollha tac-Ceka biex iqajmuhom fuq taghhom. Dawn huma ajiem ta' qawmien u l-poplu li ghalih qieghed jiggieled u jispera ma kellu anqas biss jorqod biex jahdem bla heda, minghajr nifs, qieghed iktar ma jmur jintefa fl'indifferenza u apatija tassew tal-ghageb! Klieb li huma! ( Pawsa. Imbaghad imur fil-bieb u jghajjat) Leonida! Leonida! (Jerga jmur lejn it-tieqa u jhares mill-hgieg) Ghadu ma jidher hadd! M'hemmx li jindifnu fis-silg l-ghazzenin kollha... Leonida! Leonida!

Xena II

---------

Leon. (~~Jitlacca fil-bieb~~) X'ghandek bzonn, sinjur? ( Jistenna l-ordni b'rasu baxxa)

Ljub. (Jitilghulu jara lil dak ix-xih inklinat u rasu baxxa) Xwejjah bahnan, kemm se ndum nghidlek ghax ~~issa~~ ~~dejjaqtni!~~

Leon. (Jitrieghed u jinklina izjed, kwazi ghar-kubtejh)

Ljub. Erfa' rasek quddiemi u ma hemmx ghalfejn toqghod tintlewa. Ahna ahwa u ma ahniex aktar is-sinjur u s-seftur. Ghadek ma drajtx il-klima l-gdida? Il-hajja gdida ta' mhabba bejnietna li ghaliha fethilna l-bieb il-komunizmu? Issa s-sid tal-insara ma jezistix aktar, il-Czar u l-kbarat tar-Russja spiccaw ghal kollox. Ma jibaghtukx iktar is-Siberja b'kastig ghaliex ma obdejtx lil-Czar, jew jiffucillawk ghaliex stmerrejt il-ligijiet tieghu. Int liberu issa daqsi u daqs kull Russu. Kulhadd indaqs fir-Russja l-gdida! Ippruvaw ibezzghuna bl-ixkubbetti imma ahna zammejna iebes u rbahna; u fuq l-altari, fejn sa ftit ilu kien hemm is-simbolu tas-salib li zammek dejjem skjaf, issa poggejna

l-mingel u l-martell....Fhimt issa? U ara qis li tkun l-ahhar darba li nisma minn fommhok il-kelma ' sinjur' (pawsa nervusa) Gibli t-te!

Leon. (Konfus johrog rasu baxxa) Pass.

XENA III

Ljub. (Ihares fiss lejn il-bieb mnejn hareg Leonida) Iben il-haddiem..... it-tradizzjoni tas-sekli l-imghoddija, taht renju ta' biza u theddid dahlet go fih u saret qisa t-tieni natura. Xejn ma jista' jfehmu li issa ma ghadniex skjavi tal-Czar. Ahna liberi u r-religjon komunista ghaqditna bhal ahwa. Kulhadd xorta;(ihares mit-tieqa) nixtieq naf mit. se jigu dawk is-salt ghazzenin.......

XENA IV

Leon. (Wara ftit jidhol bit-te li jpoggi fuq it-tavolin) Pass.
Habib, it-te servut.

Ljub. (Ihares lejh bl-ironija) Ghidli l-veru, xwejjah, ghaliex issibha bi tqila biex tghidli habib? Eh, int twelidt taht il-frosta ta' sidek u sfors kemm ilek tbaxxi rasek ghal kollox anke s-sinsla ta' dahrek tghawget! Erfa' rasek u hares fiss lejn ghajnejja.

Leon. Ghandek ragun habib, ahfirli.

Ljub. Il-habib ma jitlobx mahfra lil habib iehor! U fuq kollox din il-kelma mahfra saret qadima wisq. Fir-renju tar-Russja l-gdida inqatghet anke mid-dizzjunarju. Il-mahfra nitolbuha lir-rebbieh...u hawn ma hawnx la rebbieh u anqas mirbuha. Hawnhekk hawn il-habib jew l-ghadu, u ghall-ghadu, kun af, hawn l-azzarini tal-

ghassiesa Russi. (nifs qawwi-Itnehida)

Leon. ~~(Jiehu nifs qawwi minghajr ma jrid)~~ Naf! Naf tajjeb.

Ljub. Xi trid tghid?!

Leon. Xejn, sinj....

Ljub. Kompliha, kompliha...! Milli qieghed nara huwa mpossibbli li tiddritta z-zokk tal-balluta x-xiha. Anke jekk filnaqtalek ilsienek zgur li tibqa' ssejjahli hekk filmenti tieghek; la darba ghallmak li min ihaddmek huwa s-sinjur tieghek ma jistax ikun li taqtaghha..Ghid li trid, wara kollox m'intix hlief annimal li ma tistax taghmel hsara.(~~Entusjasmat~~ Ke ke he) Il-fjamma tar-Russja ta' Lenin m'hix qeghda tistenna l-faham minnkom ix-xjuh, imma minn uliedna li qeghdin jikbru fl-iskejjel talliberta' edukati mir-religjon il-gdida: ir-religjon wahdanija u vera, dik li tghallem lill-bniedem ma jemmen fl-ebda Alla, hlief fih innifsu! (Ghajnejh jibdew ileqqu) iqum, imur hdejn it-tieqa, jimsah il-hgiega u jhares lejn barra) (Pawsa) Silg u skiet; skiet u silg. U dawk ma hemmx li jigu.

Leon. Nista mmur, habib?

Ljub. Fejn hu Dimitrju?

Leon. Ma nafx, sinj... habib.

Ljub. Ili ga saghtejn id-dar u ghadni ma rajtux.

Leon. Forsi qieghed ghand xi hbieb...

Ljub. Ghand il-hbieb qatt ma jmur da l-hin. Is-soltu jkun jistudja jew jaqra. (Pawsa.) ~~Imbaghad f'daqqa~~) Leonida! ....(Ihares cass u bir-rabja lejn Leonida)

Leon. (Jaghmel ~~reverenza~~ b'rasu) Sinj.. (~~Imma~~ ~~minghajr~~ jerga

~~jqum dritt u jghid)~~ Habib.

Ljub. (~~Jersaq lejh~~) X'jghid Demetriju mita jitkellem fuqi?

Leon. Xejn ! .. Xejn.....

Ljub. (Jitlghulu) Tikdibli! Ma jistax ikun!

Leon. Nahlieflek...habib...

Ljub. Anke fuq is-salib, emblema u simbolu tas-Sinjur tieghek? Tahlifli anke fuq dak?

Leon Imma ghalfejn din il-mistoqsija?

Ljub. Qed tisfar eh! .. ghaliex taf li qieghed tigdeb. (Kwazi jghajjat) Leonida, it-tifel tieghi jobghodni!

Leon (Bil-qawwa) Mhux tassew! Mhux tassew!

Ljub. U int fejn taf?! Ma jimpurtax, anke jekk taf li ser taqsam din il-qalb li ghalih ma ghandix hlief imhabba, ghidli, jiena naghraf inrazzan it-tqanqil ta' qalbi. Inti sigra xierfa, imma hu xitla zghira u r-religjon ta' missieru ghandha tkun ir-religjon tieghu. Jiena naghraf nizra dik iz-zerriegha gewwa qalbu. U la darba dak il-qabar t'ommu qieghed izommu marbut mar-religjon li fiha rabbietu, inferrak ukoll dak il-qabar bl-istess martell u mingel li qeghdin jahsdu r-religjon minn fuq wicc ir-Russja. Il-Komunizmu ghandu jirbah u din iz-zerriegha ghad trid timla d-dinja.(~~B'harsa ta' mibgheda~~)

Leon. Iblegh hu min icedi.

Ljub. Leonida, ilbierah ulied ir-Russja bolxevika sfrundaw il-bibien taċ-ċimiterju u kissru kemm il-salib kien hemm fuq l-oqbra, halli jeqirdu darba ghal dejjem is-sinjal ~~ta~~ ta' l-imhabba nisranija. Jien tajt dan il-kmand! Jiena.......!

Leon. (Imrieghex) Min? .. Inti?..

Ljub. Iva jien, Soviet Mattew Ljubowsky!

Leon. (Offis imhabba r-rispett li ghandu lejn l-oqbra) Inti?! Inti ipprofanajt l-oqbra tal-eghziez mejta tieghi?! Infami, u mishut ; id-driegh t'Alla ghad ~~tilhqek!~~ jilhqek!

Ljub. (mghaddab) Leonida!!!

Leon. Le, ma nibzax minnek iktar; m'intix hlief qattiel!

Ljub. Bizzejjed! Bizzejjed qieghed nordnalek!

Leon. Sakemm jibqa nifs f'dan l-imsejken gisem nibqa nghajrek f'wiccek!.... Jien li sa llum dejjem dehert quddiemek b'rasi baxxa, issa niegaf dritt daqs torri, niffronta sidri u b'kemm ghandi lehen nghajjat f'wiccek......

Ljub. ( Mignun bir-rabja, imur hdejn ix-xih, jahtfu minn spallejh, jghezzu u jghidlu) Iqaf jekk ma tridx li nixlik u issa stess idduq l-ixkubetti ta' Moska!

Leon. M'intix se tbezzaghni b'daqshekk; ghamel dak li joghgbok. In-nisrani ma jibza' minn hadd u b'wiccu minn quddiem jiffronta l-eghdewwa tal-Knisja.

Kamen. (Minn barra) Soviet Ljubowsky!

Ljub. (Ihalli lix-xwejjah) L-ghassa Russa. ( Lil Leonida) Iftah Leonida!

Leon. ( Kalm) Niftah iva, ghaliex l-Imghallem Divin qalli "Obdi lill-padrun tieghek" (Johrog).

Ljub. (Ihares fiss mnejn hareg ix-xih) Kelb ta' bniedem! Imma anke ghalik tasal is-siegha! Il-mingel komunist huwa aqwa mid-drieh tas-sema.

XENA V
-----------

Kamen. (Jidhol l-ewwel wiched, warajh Kolossoff u Korgikoff) Sovjet Ljubowsky!

Ljub. (Li malajr jifhem li l-ispedizjoni ma rnexxietx), juri mibghoda u rabja) Il-qassis fejn hu?

Kolos. Sibna d-dar vojta.

Korg. L-ghasfur harab qabel ma wasalna.

Kamen. Ma kienx ilu li harab milli jidher.

Ljub. Chazzenin, bla hegga u bla hila ta' xejn!

It-tlieta Chamilna dak kollu li ghidtilna.

Ljub. Bizzejjed! Ghidli int Kamenez.

Kamen Chamilna haga b'haga dak li ghidtilna; wasalna hdejn id-dar tieghu fid-disgha u sibna l-bieb miftuh. Dhalna fil-kamra fejn sibna c-cumnija ghadha mqabbda, imma ma sibniex ruh. Chamilna tficcija ma' kullimkien; fil-kamra tas-sodda taf x'sibna f'kaxxun vojt?

Kolos. Folja karta...

Kardi. U fuqa miktub....

Ljub. Bizzejjed intom!

Kamen. Iva folja karta u fuqha miktub minn idejn il-qassis "Kbir Alla salva lir-Russja"

Ljub. Dan sinjal car li kien avzat.

It-tliet gwardi Bil-fors!

Ljub Imma min sata' jittradina?

Gwardi Ahna dak li ghidna bejnietna.

Ljub. Intom tkellimtu ma' xi hadd?

Gwardi  Jiena le, Soviet Ljubowsky, nahlifulek.

Ljub.  (Jippassigga mnewwed) Imma allura kif jista' jkun? Ma triduux tghiduli li l-Alla tal-qassisin jezizti tassew, hux?!

Kolos.  (Mex jiccajta) Iva, kollox jista' jkun.

Ljub.  (Ihares ikrah lejh) Injurant! (Pawsa) X'sibtu iktar?

Kamen.  Sibna wkoll nicca zghira sigrita u fiha kien hemm il-madonna tieghu!

Kord.  L-istatwa kienet tal-injam.

Kamen.  Xi x'ghamilna biha? Poggejnha ghas-shana fic-cumnija

Kolos.  U sahnet malajr! Kienet tidher qeghda thoss il-bard f'dik ir-rokna mudlama.

Kamen.  Ghamlet daqskejn ta' fjamma li f'hajti qatt ma rajt sabiha daqsha.

Korg.  U xi shana ghamlet!

Kamen.  Imbaghad ma kellniex tazza te' x'nixorbu.

Kolos.  Wiski trid tghid, habib!

Ljub.  Bizzejjed! Intom qeghdin tghaddu z-zmien u jien qieghed hawn inhabbel rasi. Marjanu Sokolowsky huwa traditur, tifhmu?! Traditur tar-Russja taghna.

Kamen.  U ma jimpurtax... minn hawn u minn hinn jaqa' taht id-dwiefer taghna.

Kolos.  Ahna grieden Ljub.

Ljub.  Bizzejjed kliem fil-vojt. Issa ejjew mieghi l-officcju u nitkellmu hemm. Hawnhekk xejn iktar. (Jghajjat) Leonida!! (Jiffacca) Kappel u kowt (tal-ghassiesa) imorru hbieb! (Johrog u johorgu mieghu it-tlieta l-ohra)

## Ix-Xena VI

(Pawsa... Xena vojta)

Leon (Jidhol mill-lateral) Kollna wicc ta' qattilin...X'in-huma ahjar mill-hawsin ta' zmien il-Czar; u issa jridu jmexxu l-pajjiz.....kapijiet!.... Imsejkna Russja!! Imbierka s-sinjura Tanja Ljubowsky li mietet qabel din il-burraxka. Tmalla li ma tista' tara u tisma xejn. Dik kienet qaddisa u s-sinjur qatilha bid-dulur.. dan il-kelb....imma ma jimpurtax..id-driegh t'Alla jaf jilhqu u jikkastigah. (Idoqq il-qanpiena ta' barra)

Leon (Jiftah il-hgieg tat-tieqa) Min hemm?

Demet. Iftah, Leonida, jien jien.

Leon (Jerga jaghlaq it-tieqa) Dalwaqt mieghek, Demetriju. (Johrog mill-lateral) Pawsa.

## Xena VII

Demet. (Jidhol u warajh ix-xih. Jidher ghajjien, abbattut; imxarrab u mahmug bit-tajn. Mieghu igorr fuq spallu xkora zghira talla, li jpoggi fl-art) Ghini, Leonida. Inhossni ghajjien, ghajjien ferm.

Leon. Fejn kont, ibni?

Demet (Espressiv u ghagga ta' ghejjien) Imbaghad...imbaghad nghidlek kollox; hallini nishon ftit....qed inhoss il-bard. Ghini xi haga x'nixrob.. ghandi l-ghacc.

Leon (Johrog nghaggel)

Demet (Jissahhan hdejn in-nar) Ajma subajja! ma nistax inceq-laqhom bil-kesha! Is-saqajja ingazzati bil-bard! (Wara li jkun sahhan idejh jinza z-zarbun....pawsa)

eon It-te hawn . Attent ghax jahraq.

emet M'hawnx ghalik, Leonida. Int naf zgur li thobbni.

eon Inti tifel tajjeb hafna.....Kieku ma kienx imhabba fik...

emet. Kieku ilek li tlaqt. Ghandek ragun. F'din id-dar dahal id-demonju u qieghed hemm gew fil-kappella qaddisa!

Leon Minn mindu ipprofanawha ma nfethitx iktar.

Demet Imma nifthuha minn hawn u ftit iehor xwejjah tieghi. Illum hija l-lejla tal-Hadd; missieri ma jidholx qabel jibda z-zernieq. Id-dmir isejjahlu l-barra....Id-dmir tieghu!!!!.....(Sadattant jixrob it-te).. Ghidli, Leonida tiftakar xi darba fl-ghaziza omni?......

Leon Ghaziz Demetriju, min jista' qatt jinsiha , anglu bhal dik?...

Demet Missieri nsieha!...

Leon Hemm bzonn li wiehed jahfirlu u jitlob ghalih...qieghed jitlef rasu....

Demet Iva imgennen, tassew imgennen. Qeghdin jaghmlu atti ta' annimali salvaggi. Il-bierah lura ipprofanaw il-knisja, u kieku l-lum mort iddur dawra mat-toroq kont tara t-tfal ta' dawn is-slavag jiggerrew mat-toroq u jaghmlu karnival bil-pjaneti sagri tas-sacerdoti. Dan l-ezempju gie minn Moska.

Leon. X'gharukaza!!! Xi skandli!!!-....

Demet Fil-Milied li ghadda hafna tfal bdew jiddiehku u jobqsu fuq salib fit-toroq ta' Moska. Fuq karrijiet imbaghad ghamlu sigra tal-Milied u maghha dendlu hafna pupi lebsin ta' isqfijiet u qassisin. Hawnhekk fil-knisja ghamlu l-istess haga. Farku l-pissidi u l-ostensorju, tefghu ma l-art u ir-relikwi tal-qaddisin u taf x'poggew -

fit-tabernaklu?

Leon — Imma ghaliex Alla jippermetti dawn il-hwejjeg hekk fehxin?

Demet — Le Leonida, Alla ma jippermettihomx, huma li ma jridu jafu b'xejn. Imma ghad tara kif Alla ma jdumx ma jikkastigahom. Ma humiex forsi kastigi mita tisma li ulied qeghdin johduha kontra missierhom; ommijiet joqtlu l-uliedhom...ulied abbandunati mat-toroq li qeghdin kontinwament jigu salvati mis-sacerdoti u mill-isqfijiet taghna. Taf x'kellhom il-kuragg jaghmlu l-bierah?!(Iqum)

Leon — (Iqum mahsud) Jaqaw? Xi wahda gdida?

Demet — Dahlu anke ~~xbex~~ go c-cimiterju, farku s-slaleb ta' fuq l-oqbra, u fejn qabel kien hemm is-salib, sinjal ta' mhabba, ma hallewx hlief l-istampa tal-moqziez jdejhom u saqajhom imqabsin bit-tajn. Il-mishut komunizmu ghadda wkoll minn fuq il-mejtin taghna. Leonida, ma tahxibx li dan huwa kastig bizzejjed?

Leon — Ghandek ragun. Eh kieku taf min hu li ta dan il-kmand?!

Demet — Tghidli xejn! Jien naf; naf kollox. Imma Alla jordnali li ghandi nhobb lil missieri! (Pawsa) Leonida, iftah dik l-ixkora...imma waqt li tkun tiftaha itlob mieghi.

Leon — (Jobki)

Demet — Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu Santu.

Leon — Amen!

Demet — Aghtihom o Sinjur il-mistrieh ta' dejjem...

Leon — Id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom

Demet — Jistriehu huma fil-paci ..

Leon — Hekk ikun. (B'ghajta) Is-salib... Is-salib ta' fuq

il-qabar t'ommok. (Jinżel jgħannqu)

met (Iqajmu) Iva, ta' ommi! Mhux, ikkalpestat, insultat; u fuq is-salib ir-ritratt tagħha. Mares lejha, Leonida, anqas biss għadha tintaraf. Min jaf forsi kemm besqu fuqha... u mita niftakar missieri kien hemm..... kien qiegħed imexxihom..... jikkmandahom.... (Jaqa' jolfoq fuq is-salib tal-irħam) Ommi! Ommi! Int li kont tant twajba, aħfrilhom u itlob għalihom mis-sema!

eon ( Jaqbad jibki hu wkoll) Demetriju, Demetriju! Alla waqaf miegħek. Alla qiegħed ibierkek mis-sema.

emet Leonida, xwejjaħ ta' qalbi, issa nixtieqek tgħini biex nerfgħu f'post fejn ma jsibu ħadd. Dan il-lejl li ġej fuqna ma norqdux. Is-sacerdot Mariano Sokolowski għandu jiġi biex jipputtifika n-niċċa u jerġa jbierika u mill-lum il-quddiem fiha npoġġi wkoll is-salib tal-għaziża ommi. Ħdejh ukoll inpoġġi dak il-kurċifiss li biex jiddieħek missieri qiegħed izomm rasu l-isfel fuq il-komodina tiegħu.

Leon U ma tibżax, ibni.....

Demet M'immiex tridni nibża? Forsi mill-korla ta' missieri? Mill-kobor tiegħu imissu jixlini quddiem it-tribunal tar-rivuluzzjoni. Aħseb ftit, Leonida, kemm ikollu biex jiftaħar kieku quddiem il-vili ħbieb tiegħu ikollu l-kuraġġ jgħid: "Jien għaghalthom joqtlu l-ibni"! Dawk il-klieb jerfgħuh fuq l-idejn u jġiebuh biex jimxi fuq il-ġisem tiegħi fost ċapċip u għajjat ta' ferħ: "Viva l-Komunizmu!!" B'hekk l-għaqda tal-kontra Alla jkunu jistgħu jaħtruh ukoll kap tal-krocjata l-ġdida.

Leon U jien nigi warajk, Demetriju: minghajrek ma nsibx ghalfejn nghix iktar.

Demet Le, Leonida, ma tigix warajja. Meta bqajt li int tilca biex titlob (Leonida tibki) Ghaliex tibki wiejjah!? Fen il-Kliem rabbieh id-dmugh tieghek, imma kun af illi t-tempju t'Alla inbena biz-zokkor u bit-tajn maghgun bid-demm tal-martri. Zomm f'rasek dejjem illi hadd f'dawn iz-zmien, ebkli ma kellu l-hila jgarraf il-dar ta' Pietru, ghaliex l-ewwel gebla giet imxerrba bid-demm ta' Kristu, u l-kelma tieghu ma tmutx. Jekk taghtu demmna nerghu nibnu l-knejjes li garrfulna u l-ahhar hlejju tal-qiecen taghhom jitlob mahfra u paci quddiem Alla.

Leon Imma Demetriju dan is-salib kif gibtu?

Demet Garrejtu fuq spalti, Leonida, u emminni li anqas biss hassejt il-pis tieghu qabel ma poggejtu fl-art hawnhekk. Waqt li kont inqalleb ic-cnagen minn taht il-hajja beda jqerqer id-demm, imma malli sibtu emminni li nsejt kollox. (Jersaq lejn is-salib u jibbarazzah; jinzel gharkubtejh) Kien inqasmu kollu tajn u kiesah silg..... imma ma jimpurtax: l-imhabba tieghi u l-fidi qawwija, ghaziza ommi, jerghu isahhnuk. (Jinzel rasu u jbus ir-ritratt t'ommu) Leonida ifthi in-nicca!

Leon (Jaghmel dak li jghidlu)

Demet. Ghini, Leonida, biex indahhlu hawn gew! Ma niflahx nerfghu wahdi. (Malli jaghmlu jinzlu ghar-rkubtejhom u jroddu s-salib) tal-lejl torqodx. Ghal xi l-ahhar s-sacerdot jigi jberikna. (Ixomnel il-candlers ta' hawn) Forsi xi habib ta' missieri. Mur, mur; ara li ma jindunax b'xejn

(Waqt li jkunu jghalqu n-nicca - tefaq...

# IT-TIENI ATT

## L-ISTESS XENA TAL-EWWEL

### XENA I

( FL-ewwel sieghat ta' filghodu. Il-kamra mudlama. Leonida jidhol mill-gemb u wara li jixghel imur lejn in-nicca , fejn ikun hemm hdejha inginokkjatur u quddiemu zewg gandlieri bix-xama maghhom. Jinzel gharkubtejh u jitlob sieket. Pawsa. Imbaghad iccempel il-qampiena tal-bieb ta' barra. Jinhasad u johrog jiftah.)

Leon. (Minn wara l-palk) Int, sinjur?

Ljub. (Minn barra) Iftah, jien! (Pawsa) (Jidhol u warajh Leonida; inehhi l-kappel u l-kowt u jitfaghhom fuq il-mejda, eccitat hafna.) Ftit te! Gibli ftit te! (Jersaq lejn ic-cumnija) Nar, nar ma hawnx! Ma tafx li soltu nigi da l-hin!!

Leon. (Johrog minn ghajr ma jghid xejn)

Ljub. ( Wahdu) Kelb li int! Il-hajja gdida Russa nehhiet il-frosta, imma milli qieghed nara l-poplu Russu ma jimxix minghajr is-swat! Frosta! Frosta! Jibza izjed mill-virga li timmarkalu l-gilda xierfa milli jibza mic-comb tal-azzarini.(Pawsa zghira) Leonida! ejja qabbad in-nar malajr(Jinxehet fuq il-putruna ghajjien u jibqa hemm)

Leon. (Jidhol bl-injam, karta u suffarini: jixghel)

Ljub. Demetriju hawn qieghed?

Leon ~~Chadu rieqed~~ Chadu rieqed.

Ljub. X'hin dahal ilbierah filghaxija?

Leon Ftit wara li tlaqt int.

Ljub U fejn kien dak il-hin kollu?

Leon Ma nafx; ma naf xejn.

Ljub Tipprova tghattilu, hux?! (Wara li jhares lejh cass)

Ilkol xorta wahda intom: Viljakki, viljakki kollha kemm intom. Gibli t-te!

Leon (Johrog)

~~Ljub~~

Xena II

--------

Ljub. (Wahdu. Wara pawsa li fiha ma jiccaqlaq xejn, jingibed lejn in-nar; wiccu jinbidel taht il-hsieb ; jitkellem minghajr ghagla) Hekk hu: huggiega, huggiega kbira; u qalb il fjammi taghha ta min jitfa l-ghazzenin kollha. Imhabba fihom ma nistax nahdem kemm irrid. Jien li ghar-RussjaKomunista bdilt il-lejl fin-nar! u li hekk ~~k~~ ikun hemm bzonn anke nissagrifika l-ibni.(Iqum malajr jippassigga imma mita jara l-inginokkjatur, ~~jieqaf f'daq~~ jieqaf f'daqqa, u jibqa' jhares lejh bil-kwiet)

Xena III

--------

Leon (Jidhol bit-te)

~~Ljub (Jirrabja) Din in-nicca min qeghda hemm?~~

~~Leon (Bil-kalma) Jien.~~

Ljub U dawn ix-xama' x'inhuma? Ah! irgajtu jieghdtu in-nicca!!

Leon Dal-lejl kont qed nitlob quddiem in-nicca.

Ljub (Jitighulu) Habib, din l-arja....

Leon Jien is-seftur tieghek, sinjur!... Tista' ssawwatni (Waqt li jkun jghid hekk jinzel ghar-kubtejk quddiemu, kif kienu jaghmlu fl-antik)

Ljub (Ihares lejh mimli rabja) Serp li int; imwieled biss biex titkaxkar ma' l-art minghajr ma tista' tigdem! gholli, gholli dik ir-ras,u mimli b'mibeghda, imla

halqek bil-velenu u igdimni!...

Leon Alla tieghi qalli:" Ahfer lil min jaghmillek id-deni".

Ljub B'hekk tberridni;... nixtieq nishaqlek rasek taht saqajjau ma nistax ghaliex inhossni qed niggieled ma' bniedem debboli u dghajjef. Imma ghaliex, ghaliex ma tobzoqlix f'wicci l-odju li ghandek lejja?!

Leon ( Iqum) Le, sinjur. Qieghed tinganna ruhek. Ma nistax, ma nistax noboghdok, ghaliex l-Alla tieghi ma ghallimnix hlief imhabba... inhobbu lill-hbieb u lill-eghdewwa xorta wahda.

Ljub (Jidhak b'sarkazmu) L-imhabba!...l-imhabba! Ahjar tghid l-ipokresija! Dit-taparsi mhabba wahhluhielkom f'raskom il-qassisin, u l-anqas ic-comb tar-Republika kollha ma jkun bizzejjed biex inehhi minn ras ix-xjuh dan l-ghamat li qieghed jghattilkom ghajnejkom.

Leon Le, le! Mhux jien ghandi l-ghamat, imma int li ma ghadekx taf taghraf l-imhabba mill-[illegible] odju.

Ljub Xwejjah, kieku ma kienx l-odju r-Russja ma kenitx tirbah. F'Leningrad, fejn qabel kien hemm il-Czar, fuq it-tron tal-izmeraldi, issa hemm iben il-poplu, lest biex jivvendika ruhu mill-kbarat kollha u jlesti s-sodda ghal uliedna, ulied il-fqir!

Leon Min huma uliedkom jekk kull tarbija johodha l-istat taht idejh!? X'baqa' mill-ghaqda tal-familja jekk minnha nehhejtu dak li huwa qaddis...l-imhabba talgenituri lejn l-ulied u l-ulied lejn il-benituri?

Ljub Il-familja tar-Russja hija wahda, kbira, immensa... Ir-REPUBLIKA! It-tfal m'humiex tal-genituri imma tal-istat, ghaliex l-istat biss jaf itellaghhom skond

ir-rieda tieghu, bil-ligijiet li jixtieq.

Leon Mela ghalhekk l-ommijiet qeghdin jitilqu l-uliedhom abbandunati mat-toroq. Jippreferixxu jarawhom imutu trabi, mitluqin fit-triq, milli jaqghu taht idejn il-komunizmu. Le, hiha, le; in-nisa taghkom gennintuhom u nehhejtulhom kull hajra li jsiru ommijiet. U int, Soviet Ljubowsky, taf x'igifieri bizzejjed!!

Ljub X'inti tghid?!

Leon Xejn iktar mill-verita'.

Ljub Bizzejjed li ma jisimghekx Demetriju!!

Leon Tibza hux! Imma, ghidli haga, ghaliex tibza minn ibnek jekk kif ghidt qed tlestilu hajja ta' hena u ta' gustizzja? Kun sincir u ghid li tistkerrah dak il-jum illi fih ikun jista' jghajjat f'wiccek dak il-kliem u t-titoli li jkunu tassew jixirqulek.

Ljub Demetriju jaf xi haga?

Leon S'issa ghadu ma jaf xejn. U min jista' jghidlu?

Ljub Leonida! Inti kont weghdtni li ma tghidlu xejn, tiftakar.

Leon Niftakar! Niftakar.... U dik il-weghda nhossa tahraqli xofftejja(Wara pawsa zghira hafna) Le, sinjur, oqghod zgur li ma nittradikx. Dan il-biza' tieghek jurini bic-car xi kwalita' ta' kapijiet intom li ghogobkom tfarrku r-Russja ta' tfuliti biex tiffurmaw Russja gdida(Waqt li jkun jghid hekk idawwar spallejh u jitlaq mghawweg imma kburi)

XENA IV

Ljub (Ihares lejn Leonida hiereg) Sejjer, mghawweg bis-snin,

imma bla biza ta' xejn fuq wiccu. Eh habib, it-tempesta komunista ghad tilhqek u tqactek minn taht minn wicc ir-Russja. Ir-rivoluzzjonijiet dejjem kibru bid-demm, u demm ukoll jinxtered fuq id-dinja: demm ta' Imperaturi, principijiet u religjuzi; anke demmna u demm uliedna jekk ikun hemm bzonn(Pawsa) U lil dun Marjanu min sata' qallu biex jahrab? Naghti hajti biex inkun naf min ittradieni. Demetriju ma kien jaf b'xejn. (Pawsa) B'dana kollu anke hu qieghed ibezzaghni. Dan il-kwiet tieghu ghar milli kieku johodha kontra tieghi bl-armi misluta. It-taghlim t'ommu dahal hekk go fih li ksielu sidru b'korazza hekk qawwija li anqas il-forka m'hi kapaci tkisser. Imma ma jimpurtax; L-imhabba tieghi lejn ir-russja komunista hi tant kbira li ma jimpurtanix jekk ikolli nibghat l-ibni stess ghall-forka.(Isejjah) Leonida! Leonida!

Leon X'tikkmandani, habib?

Ljub (Wara li jhares lejh minn fuq s'isfel) Malli jaslu l-gurnali gibhomli hawn.

Leon Mhux se torqod dalghodu?

Ljub M'ghandix nghas. Demetriju qam?

Leon Iva, qalli biex inlestilu t-te.(Johrog mill-lateral tax-xellug waqt li mill-lemin jidhol Demetriju: isfar, ghajjien u debboli fuq il-lejl imqajjem li kien ghamel)

XENA V
--------

Dem L-ghodwa t-tajba, papa'.

Ljub (Wara li jhares lejh sewwa) Tidher ghajjien dalghodu!

Dem Ma ghalaqtx ghajnejja dal-lejl.

Ljub Qaghadt tistennieni?

Dem Le./Leonida gibli t-te! (Pawsa)

Ljub Dal-lejl kien wiehed mill-aqwa ghalija. L-aqwa xoghol li stajt naghti lir-Russja.

Leon (Jidhol bit-te)

Dem Anke jien ,papa'!

Ljub (Mistaghgeb) Anke int,ghidtli?!

Dem Iva tlabt l'Alla tieghi il-lejl kollu.. ghalik u ghar-Russja!

Ljub ( Minghajr rabja imma jhares fiss lejn ibnu) Ibni, tipprofittax ruhek ghaliex int it-tifel tieghi u nhobbok. Il-gustizzja komunista tista tilhaq lilek ukoll b'idejja stess. Fhimtni?!

Dem (Dejjem kalm) F'dan il-kas biss tkun tista' tissejjah eroi. It-tfal huma tal-istat ghidtli darba wahda, ghal-hekk m'ghandek ebda dmir li thobbni.

Ljub Imma anqas int m'ghandek id-dmir li toboghdni!

Dem Kemm qed tpinġini hazin, papa! Ghandi ghalfejn noboghdok, iva, kieku r-religjon tieghi kienet dik li qeghdin tippritkaw intom. Imma r-religjon t'Alla ghandha bhala l-ikbar ligi taghha--l-imhabba!

Ljub Miskin kemm sejjer imqarraq!.... L-imhabba¡! ir-rassenjazjoni! Studja l-istorja, ibni, dik l-istorja li kitbu l-ibdiewa bil-ponot tal-istalletti imcapsin bid-demm. Dik ghandek taqra mhux dak li qeghdin ibellghulkom il-qassisin biex jiddominawkom bil-gideb!

Dem Int qed tghidu u dawk kollha li tilfu rashom bhalek. B'dana kollu anke dawk li marru gos-Siberja, marru bit-tbissima tal-fidi fuq wicchom tant li jishtu l-hajja

bhalma ghamiltu intom... irjus kbar tac-civilta' moderna! U biex taslu fl-ideal taghkom gaghaltu ghaqda ta' habsin, qattiela, jidhlu sahansitra fic-cimiterju biex inehhu lill-mejtin taghna dak is-sinjal ta' mhabba li jorbot il-haj mal-mejjet...<u>Is-salib Ta' fuq il-qabar</u>! Inti taf xi haga, papa', .... Int, li.....

Ljub Iqaf fil-hin! Toghgobni din il-hegga tieghek! Hieku ma kontx qieghed tghid hmerijiet kont forsi tikkonvincini, imma f'giegh il-kbira Russja issemmilix l-imghoddi.

Dem Tibza, eh! Imma kun af li ommi ma hix qeghda taht il-gebek imma taht velu li jien biss nista' nwarrablek biex tkun tista' titlobha mahfra tal-mewt kiefra li sofriet minn taht idejk!

Ljub (Jitlghulu) Ommok, ibni....

Dem Ommi kienet qaddisa! U int, iva int! qtiltha bid-dispjacir! Papa' niftakarha!!! Ghadni niftakar sewwa!! (Jizjed bil-kalma imma espressiva) ~~Ghadni niftakar sewwa~~ U dal-lejl ghaddiet minn quddiem ghajnejja ghal darb'ohra dik ix-xena ta' dulur! Ma nafx, ma nafx kif ma tliftx mohhi! Imma kif stajt, papa', kif kellek dik il-qalb hazina....

Ljub (Imur ghal fuq ibnu) Bizzejjed! Bizzejjed jekk ma tridx li nitlef rasi mieghelk ukoll!

Dem Iva... iva nieqaf! ( U l-biki jzommlu l-kliem) Imma papa, jekk veru thobbni ghaliex ma tnehhilix dan id-dwejjaq kontinwu--? Qieghed naghmel minn kollox biex tressaqni quddiem it-tribunal vili taghkom biex jixkubettjawni. Hekk ma jistax ikun li nibqa' nghix..(Jaqa' bilqe ghda jibki rasu fuq il-mejda).

Ljub. ~~Ljub~~ (Imnawwad. Il-kliem tat-tifel misslu xi ftit qalbu. Juri gwerra fih in-nifsu. Pawsa ftit twila. Imbaghad il-qampiena tal-bieb tahsdu.) Leonida! Leonida! ( Lil Demetriju) Isa ikkalma! Gew xi hbieb tieghi.. Thallihomx jindunaw li kont tibki..... ( Lil Leonida li jkun diehel jurih in-nicca u jghidlu) Idhol malajr u qis li tnehhi u tkisser dik in-nicca.

Dem (B'ton ta' kmand) Hudha fil-kamra tieghi, Leonida!

Ljub (Bir-rabja) Ftakar li jien missierek!!

Dem ( Bil-kalma) Obdi, Leonida. Mil-lum il-quddiem nitolbu gharkubtejna fl-art. (Cempila ohra)

Ljub (Waqt li Leonida jkun hiereg bl-inginokkjatur u l-gandlieri imur lejn it-tieqa u jghajjat) Ghaddu, ghaddu hbieb! (Lil Demetriju) Int idhol gewwa.

Dem Le! Irrid nara daqsxejn min huma dawn il-hbieb tieghek!

## XENA VI

Kamenez, Korgokoff u Kolossoff jidhlu mill-lateral.

It-tlieta X'ghandna habib! L-ghodwa t-tajba!

Ljub L-ghodwa t-tajba! Anke intom ma rqadtux?

Kam. Mhux int ghallimtna! Il-granet tar-Russja Komunista ma ghandhomx iljieli!

Korg. X'ghandek Demetriju, ghaliex qieghed wahdek?

Kolos. Ejja hawn fostna u noqoghdu nirragunaw ftit.

Kamen Int intelligenti hafna u kuragguz; u ~~xe~~ r-republika taf tajjeb fejn ghandha tpoggik.

Demet Le, le hija! Jien ma inhix kapaci nahdem ghall-kawza l-gdida. Ir-Russja ghandha bzonn ta' nies kuragguzi. Ghandha bzonn iljuni u tigri li jkunu kapaci ifarku

u jizbranaw kull memorja tal-imghoddi. Jiena d-demm nistkerhu.

Kolos Dak ta' hutna iva, imma d-demm tal-ghadu taghna ~~jami~~ jaghmina, jaghmilna feroci.

Kamen Hu zgur! Xi tghid Ljubowsky?

Ljub. (Jibza dejjem li Demetriju jikkomprometti ruhu) Jien ma nafx; insibu sentimentali wisq!

Tliet (Jidhku jghajtu)

Korg Eh! Smajtha Demetriju?

Kamen Missierek qed jakkuzak li int sentimentali. Iddefendi ruhek.

Dem Tassew; sewwa qieghed jghid.

Kolos Malajr tidrha. Hija z-zghir bhalek kien. Imma issa! Chidlu daqsxejn Kamenez, int tafu bizzejjed.

Kamen Tiftakar x'ghamel f'Mosca, Korgikoff? Kemm kien liebes tajjeb ta' Kardinal fil-pircissjoni tal-Milied? Dnub li ma kien arcisqof tassew!

Dem Rajtu anke jien il-bierah. M'ghadux jingharaf. Meta kollna nilghabu flimkien kellu wiccu ta' anglu. Issa wiccu sar maskra tal-mibeghda!!

Korg L-odju huwa l'Alla taghna; dak li rebbahna fuq l-insara. Bl-odju inti wkoll ghad tirbah dan is-sentimentalizmu!

Kamen Veru. Mhux hekk Ljubowsky.

Kolos Qisek xi qaddis zghir; hemm bzonn li tinbidel. Ljubowsky ghaliex ma ggibux xi darba sa Moska biex jiddeverti ftit.

Korg. Tridx tigi mieghi ghada? Niehdok fil-knisja antika ta' San Demetriju fejn ikun hemm zfin u xorb kemm trid. Xi tghid Ljubowsky?

Ljub Il-hajja tieghu m'hix hlief holma.

Kamen Hemm issib xi wahda tistaqlek qalbek.

Dem Nirringrazzjak minn qalbi, imma l-imhabba tieghi ga ~~tajt~~ tajtha lil haddiehor, f'dan il-post stess.

Kolos U min hi din l-iffortunata?

Dem Kieku nghidilkom tidhku bija.

Kamen Zgur Markowski l-hodbija!

Korg Jew Marinks, iz-zoppa! ?

Ljub (Jipprova jibdel id-diskors ghax jibza li t-tifel jinqabad) Halluh, qieghed jiccajta!

Dem (Lil missieru) Le, le; m'inhix niccajta, u int taf bizzejjed.

Tlieta Mela allura ghidilna!

Dem (B'vuci gholja) M'hi hadd hlief ommi. (Pawsa u wara dahka kbira; Ljubowsky jisfar u jhares feroci lejn ibnu)

Dem (Lil missieru) M'hemmx ghalfejn thares lejja bl-ikrah; fuq kollox m'intix se tbezzaghni ,

Ljub Taghtux kaz tieghu; ibni qieghed jiggennen.

Korg Ghadu jemmen bil-mejtin! Ha, ha, ha.

Dem U f'Alla ta' ommi wkoll!

Ljub Tghidx hmerijiet ibni. Anqas b'cajt ma ghandek issemmih.

Dem Imma jekk qed niccajta ghaliex qieghed tisfar?

Kamen (Johrog karta mill-but) Tajjeb; tajjeb. Iffirma di ~~l-kart~~ l-karta.

Kolos Iva sewwa; kolna nsejniha u gejna apposta ghal hekk. Uliedna u hutna kollha iffermawha u bidlu r-religjon. Int biss jonqos.

Ljub (Bir-rabja) Iffirma!

Dem (Jiehu l-karta; jaqraha f'qalbu u wara bil-kalma)
Niffirma, imma qabel nitlob permess.

Ljub Nordnalek li tiffirma!

Dem (Lil missieru) Dalwaqt.(Ujix u jibqa' sejjer lejn in-nicca) (Kulhadd ihares lejh)

Ljub (Jifhem x'se jaghmel u jiddispjacih ghal ibnu) Mhux ga ghidtilkom li ibni qieghed jiggennen!

Dem (Li jkun fetah in-nicca) Iva mignun fil-hsieb tieghek imma mhux fil-hsieb ta' dan. (Juri s-salib)

Tlieta Salib!! (Skantati)

Dem Iva, is-salib t'ommi! Dak l-istess wiehed li intom b'rabja u b'mibeghda nehhejtu minn fuq il-qabar biex tfajtuh go rokna, u fuq l-oqbra ta' ommijietna u missirijietna zfintu zfin oxxen, waqt li bdejtu tohilfu u tobzqu l-mibeghda ta' qalbkom . Ma kienx bizzejjed li ippersegwitajtu lil Czar u lis-sacerdoti, imma ridtu wkoll tkasbru l-ghadam tal-genituri taghkom. Imma jien ghall-imhabba t'ommi ma bzajtx la mis-silg u lanqas minnkom. Il-bierah qbizt ic-cint tac-cimiterju u rfajt fuq spalti dan is-salib biex nerga npoggih fin-nicca li rgajt berikt. Papa', waqt li nkun niffirma li jien ma inhix ser nibqa nisrani oqghod hares ftit lejn ir-ritratt t'ommi. (B'pass sod imur lejn il-mejda u jiffirma)

Tlieta (Jitbaxxew biex jaraw il-firma) (Jaqraw) Viva Kristu Re!

Ljub (Jaqa lura fuq il-putruna)(It-tlieta jiboghu iharsu lejn xulxin miblugha)

Dem U issa x'intom tistennew iktar? L-eghdewwa tar-republika

huma mistenniha mill-karabini Russi. Kamenez, Korgikoff, Kolossoff x'inhu jzommkom? Jien hawn; ghaliex ma iggorrunix ~~xix~~ 81 barra? Ma ghandix provi bizzejjed li jiena kontra l-Komunizmu? Allura la triduni nghidilkom u nqerr id-dnub tieghi: Jiena, Demetriju Ljubowsky, kattoliku ferventi, ghidt lis-sacerdot Marjano Sokolowsky biex jahrab. Iridu tafu xi haga ohra!!

Tlieta Eh!! X'inti tghid?!

Ljub Ma jistax ikun! Ma jistax ikun! Ma tarawx li qieghed jiggennen?!

Korg Anke jien hekk nahseb. Kif sata' jkun jaf?

Kolos Ahna biss kolna nafu biha!

Kamen Ahna zammejna skiet perfett.

Ljub Taht piena ta' mewt!

Kolos / Korg Hu zgur, taht piena tal-mewt!

Kamen Le, le, mignun; m'intomx tarawh ihares lejn il-mewt bid-dahka!?

Korg Hekk hu; kieku ma kienx mignun....

Dem Ghid kieku ~~xx kenix~~ kont vili!

Ljub (Meta ra li ma jista' jdawru b'xejn, irrabja) Allura tassew? Tassew?

Dem Int se tistaqsini? Int li taf kollox?

Ljub Imma min qallek?

Dem Ommi dehritli tliett darbiet fil-holm.

Ljub (Skantat ihares lejn shabu) (Imbaghad b'vuci baxxa imma soda) Hbieb! L-idea Komunista taqsam lir-russja fi tnejn: dawk li huma fidili lejn il-komunizmu minn

banda u dawk it-tradituri minn-naha l-ohra. Waqt li ghal tal-ewwel hemm kull tifhir, ghall-ohrajn hemm il-lasti tal-forka. Cittadin Kamenez: Jiena naghtik f'idejk biex tiehdu l-habs ta' Moska lit-traditur Demetriju Ljubowsky. Viva r-Russja Komunista!

Tlieta Viva!

Dem Grazzi papa'! Issa tassew ghandi ghalfejn nammirak. (Jersaq lejn il-bieb u jsejjah) Leonida! (Jerga jersaq lejn missieru) Papa', hallini ghall-ahhar darba nsejjahlek hekk. Qatt ma hassejt daqs issa mhabba hekk kbira lejk. Emminni, jiena sejjer mid-dar tieghek fejn gawdejt kemm ferh u dispjaciri. Jiena sejjer, imma oqghod zgur li ma nhoss xejn f'qalbi kontra tieghek. Is-salib li ommi ghalmitni nhobb u nghozz qieghed jurini t-triq li minnha ghandi nghaddi. Jiena nibqa nitlob ghalik u ghall-imsejkna Russja.

Xena VII

Musica lenta.

Leon Min iridni, Demetriju?

Dem Leonida, xwejjah twajjeb, la tibkix! Ma nixtieqx li tinzillek anqas demgha wahda fuq il-qabar tieghi. Itlob! Itlob dejjem! Dawn il-kiefra, bla Alla, se jfarku dak is-salib(Jurih is-salib tan-nicca) imma int tinsa qatt li dik in-nicca, allavolja profanata, ghalina dejjem hemm l-ispirtu t'Alla.

Leon (Jinzel ghar-kubtejh) Demetriju...Demetriju...

Dem Qum, qum habib. Ftakar x'Ghidtlek ilbierah: It-tempju t'Alla ghad irid jitkahhal bid-demm tal-martri Russi. (Jghannaq lix-xih, imbaghad idur wieqaf wieqaf lejn

gwardi Russi u b'vuci soda) Huduni f'Moska ( imur lejn il-bieb fejn ma jidhirx iktar)

Ilieta (Mita jaslu fejn il-bieb iduru u lejn Ljubowsky) Sahha Habib! (Ljubowsky ma jwegibx)

Ljubowsky (Mitfuh fuq il-putruna jaghmel sinjal b'rasu)

Leon (Ihares lejn fitt)(Wara ftit jghajjat )Assassin! Qattiel!

Ljub (Iqum bil wieqfa f'daqqa imma malli ghajnejh jiltaqghu ma' dawk tax-xwejjah Leonida jibqa' msammar hemm, minghajr ma jghid kelma)

Leon (Ma jiflahx izomm iktar jitlaq jigri l-barra u jibki waqt li jghajjat) Demetriju! Demetriju!

PURTIERA

# IT-TIELET ATT

L-istess messa in xena tal-ewwel att.

(Bil-lejl; kwiet perfett fil-kamra, imdawla biss bix-xama ta' fuq l-inginokkjatur, quddiem in-nicca. Il-mejda ghadha mqallba bl-affarijiet tal-ikel. In-nar tac-cumnija qieghed jintefa')

Leon. (Gharkubtejh quddiem in-nicca jitlob. It-telfa ta' Demetriju izjed kompliet hatbitu u tefghatu fi skiet. Fil-hemda l-arlogg idoqq nofs il-lejl.) (Pawsa)

Ljub (Minn gewwa) Leonida! Leonida! ( Jidhol fil-kamra hozbien, geddum imdendel; liebes id-dressing gown.) Anke int ma tistax torqod! Anke int!

Leon Kont qed nitlob.

Ljub (Ipoggi fuq il-putruna hdejn ic-cumnija) Qed inhossni eccitat! Ma niflahx! Aghtini kalmant jew xi haga...

Leon M'ghandi xejn, sinjur.

Ljub (Iqum jippassigga rasu lejn l-art. Imbaghad jieqaf quddiem in-nicca u jibqa' jhares lejn is-salib) Leonida, nehhejna s-salib minn fuq l-artali u minn fuq l-oqbra, imma fejn qeghdnih?(Bil-mod) Il-lejl kollu hassejt il-pis tieghu fuq sidri!!(Jerga jpoggi fuq il-putruna) (Wara ftit) Leonida ejja hdejja; poggi hawn. M'ghadnix dik it-tigra li kont.... kull lejl li jghaddi minn fuqi qed inehhili l-forza ta' idejja; qed inhossni m'jien kapaci ghal xejn... hares lejn idejja..qieghed tarahom imcapsin bid-demm u bit-tajn! Ma jbezzghukx?

Leon Sinjur! Demetriju ordnali li ma nibkix u zammejt dejjem il-kelma tieghu hlief darba biss. Issa d-dmugh

qieghed jimlieli ghajnejja. Qeghda tigini hniena minnek.

Ljub Anke int! Anke int bhal Demetriju u bhal Tatiana?! Imhabba! Imhabba! ... ghaliex ma toboghdnix?...Mibeghda, odju jisthoqqli. Jien qtiltom b'idejja stess... b'dawn l-istess idejn illi ftit ilu ikkarezzajthom bihom, issa iffermaijtilhom is-sentenza tal-mewt! Dan kollu biex inkun eroi! Eroi tal-Komunizmu! Imma hares sewwa lejn ghajnejja, Leonida; Issa mirbuh!! Id invizibbli poggietli fuq spallti dak is-salib u l-pis tieghu qed jghawwigli rkubtejja u jgieghelni ninzel gharkubtejja fl-art quddiem zewg ucugh: il-wiehed ta' marti u l-iehor ta' Demetriju.(Pawsa) Imma qieghed sieket; ghaliex m'intix tghajjarni infami u assassin bhal qabel?! Ghidli, Leonida, ghidli li jien assassin. Il-Komunizmu ghamieni u mex mexxieni ghall-precipizzju u gieghelni nitfa fil-qabar lil marti u l-ibni Demetriju: "Aghtihom, O Sinjur, il-mistrieh ta' dejjem."(Ipoggi fuq il-putruna) Imma

kkkk. lili. Jien ma jisthoqqlix hlief zebliegh!

Leon. Alla tieghi jahfer lil kulhadd!

Ljub Jahfer iva lil haddiehor imma lili le; jien dhakt bih izzejjed.(Johrog midalja minn butu u jibqa' jhares jhares lejha)Din il-midalja, ghaxar snin ilu, dendilta ma' ghonq Demetriju mita ghamel il-Grizma; tiftakar, Leonida. Dak iz-zmien kelli l-hena f'dari!

Leon U l-Madonna kienet tberikna minn dik in-nicca!!

Ljub Issa l-Madonna ma ghadhiex ghandi ghaliex hraqtha. Imma l-gustizzja t'Alla baghtet dak is-salib ghal go n-nicca. Leonida, ghadek tiftakar kkkxxx lill-patri Marjano Sokolowsky? Kieku taf kemm ilna nfittxuh!!! Anke issa

nixtieq insibu biex nerga nisma' minn ghandu dak il-kliem li, zmien ilu kont nisma' minn ghandu fil-qrar! Nerga ninzel gharkubtejja quddiem is-salib tighu, u nghajjat, iva nghajjat l-infamijiet tieghi.... U ahna qeghdin noqtlu s-sacerdoti......(Pawsa twila u kwiet)

## XENA II

( Tahbita jew cempila kbira. Vucijiet ta' Kamenez, Korgikoff u Kolossoff jinstemghu qawwija bil-lejl)

Tlieta   Cittadin Ljubowsky...ifthilna.'

Kamen   Qbadna l-kacca!

Korg   Qbadnih bis-sunnara!

Kolos   Inqabad bhall-haruf!

Tlieta   Iftah Ljubowsky halli tarah!

Ljub   Tiftahh Leonida. Aghmel l-istanga. Dawk annimali selvaggi u mhux nies.

Tlieta   Ljibowsky iftah!!!

Korg   Hawn qed ningazzaw! (Tisfir, ghajjat u tahbit)

Kamen   Ghall-komunist ma hemmx irqaghad!

Ljub   Iftah Leonida...L-odju qed igenninhom...mur..mur iftah' Jekk gibuli xi vittma jien naghtihom vittma ohra.

Leon   (Johrog jiftah. Kollox jinstema' barra l-palk)

Tlieta   Qomt fl-ahhar;ja xih ghazzien.

Kamen   Il-habib Ljubowsky hawn qieghed?

Kolos   Ghada filghaxija nizfnu zifna fil-knisja, hux hekk dun?

## XENA III

(Zewg gwardi jidhlu xi jinbuttaw lill-qassis. Kamenez warajhom u Leonida l-ahhar)

Gwardi   L-ghodwa t-tajba habib!

Kamen Jiddispjacini li qajjimnik, imma l-kacca dalghodu hi tant sabiha li ma flahtx nistenna sakemm jisbah sewwa. Sibnih dghajjef wisq ghalina!

Korg Eh, habib, kemm se jfaqqghu l-ixkubetti fuq sidru!

Kolos (Lil Ljubowsky) Ara daqsxejn, habib, xi jhares ikrah lejk!

Korg Jekk ghandek xi messagg ghat-tifel tieghek iwassalulek bxejn taf.

Ljub (Ihares lejhom bir-rabja) Bizzejjed, bizzejjed issa!!

Kamen Kif habib! Ma naghmlux li anke int qed titlef rasek!

Ljub Halluni wahdi mieghu!

Kamen Jaqaw x'sejjer tghidlu biex ma tridniex nisimghu!!

Kolos Forsi xi sigriet?

P Marj Jiena m'ghandix sigrieti ma min cahad l-ibnu. Tistghu tibqghu. (Lil Ljubowsky) Ghidli'!.

Korg Rajtu x'arja ghandu!! Ma x tridx tigdimna wkoll!!

Ljub Ghandu ragun! Patri Marjanu, hares lejn ghajnejja: M'intix tara li jien mirbuh?

P Marj ( Ihares lejh skantat jara l-bidla ta' wiccu)

Kamen Anke int qed tiggennen, habib?!!

Kolos Sewwa ghidtilkom li qed jiggennen.

Ljub Mhux ghal issa,le. Forsi ghad niggennen mita nigi mkaxkar minnkom stess lejn Moska, bid-daqqiet ta' sieq u bil-ponnijiet kif soltu taghmlu. B'hekk inkun naf x'sofrew marti, ibni u dawk kollha li baghat jien stess lejn Moska...jien stess.

Tlieta Imma habib!!!

Ljub Le! issejjahlix iktar hekk. Minn dan il-mument jien

traditur ghalikom. Aqbduni, orbtuli jdejja u huduni; jien ma imhix iktar komunist.

Kolos Tina ftit xorb, allura!

Korg Nixorbuha bis-sahha tieghek.

Ljub (Jurihom sideboard) Iftah hemm. (Korgikoff ifittex) Ixorbu kemm tifilhu! (Patri Marjanu jhares lejn Ljub. bil-ferh fuq wiccu) (Kamenez jhares b'disprezz lejn Ljubowsky)

Ljub Patri Marjanu, iggilidt, odjajt u qtilt kemm flaht, sahansitra lil marti; insultajt lill-genituri; ordnajt lil ghaqda ta' bnedmin annimali biex ikissru l-oqbra u jipprofanawhom! Wasalt anke biex tajt l-ibni stess f'idejn folla ta' ljuni feroci u wara hafna nsulti, ghamluh gharbiel bic-comb tal-azzarini.(Idur lejn it-tliett hbieb) Intom rajtuh, isfar lellux, imma b'dik id-dahka fuq xuftejk kollha hlewwa, da tbissima tal-angli!..kien ihares lejna u jitlob ghalina. Le,hbieb, ahna m'ghandniex kuragg immutu hekk! I.. Imma harsu lejja issa: intom li drajtu taraw fija dik it-tigra komunista. Forsi tghiduli traditur, imma le hbieb... mirbuh, mirbuh bl-imhabba...

P Marj Mirbuh mhux le bl-azzarini imma bil-grazzja; b'dik il-grazzja li mhux talli ma tumiljakx imma iktar tghollina lejn Sidna. Habib Ljubowsky, bhalma Kristu miet biex isalva l-bnedmin, hekk Demetriju carcar demmu biex isalva lilek u jehles minn taht idejk dawk l-imsejkna kollha li kellhom jaqghu taht id-dwiefer horox tieghek. Ried ghalhekk li dan l-anglu jkun ibnek. (Lit-tlieta) HUti,

ghada stess tkunu tizfnu u tidhku fuq il-gisem taghna, imma ftakru li anke ghalikom hemm il-hniena t'Alla jekk tgharfu tilqghuha.(Jitheggeg iktar)Huti, ir-rivoluzzjonijiet dejjem hallew il-vittmi taghhom; izda harsu lejn kull rivoluzzjoni u ghiduli jekk hux dejjem Kristu ittrionfa. Dak l-istess Kristu li ghall-odju li wrewh ma offriex hlief demmu lil Missier Etern Alla.

Kamen Iddahhakniex patri!

Kolos Aghtih ftit xorb ghax grizmejh nixfulu!

Korg Smajtu kemm jippridka tajjeb?!

P Marj Intom ghomja! Tliftu d-dawl ghal kollox; nibkikom u nitlob ghalikom.(Pawsa mimlija bid-dahk tat-tlieta)Imma ghidu, ja segwaci ta' Lenin, x'servizz tajtu lir-Russja billi kissirtu l-imghoddi, billi wahhaltu l-mingel u l-martell fuq il-bandiera mxarrba bid-demm ta' hutkom!? Harsu ma' dwarkom u ma tarawx hlief palazzi mgarrfa, knejjes misruqa u profanati; l-art li fiz-zmien kienet titma l-Ewropa kollha ghiduli x'baqa' minnha? U c-civilta'! dik ic-civilta' li ghidtu qeghdin tiestu ghal uliedkom qeghda taghmilkom ghar minn annimali feroci; lin-nisa taghkom nehhitilhom l-imhabba tant li waslu biex joqtlu l-uliedhom minghajr skruplu ta' xejn.

Kamen Dan mhux tassew! Qieghed tigdeb!!

Korg Hallih jghid, Kamen.

Kolos (Lil Korgikoff) Hu daqsxejn. Il-habib Ljubowsky ghandu daqsxejn xorb tajba!

P Marj Morru staqsu ftit lil Papa illi bil-karita' tieghu qieghed isalva eluf u eluf ta' kreaturi. Il-kaz taghkom

huwa ghar minn ta' Erodi ghaliex l-uliedkom qed jogtluhom ommijiethom stess! Dan m'hux hlief il-kastig t'Alla li l'id tieghu ghad trid ixxejjen lir-Russja Komunista, u fuq l-artali mqaddsa jerga jgholli s-salib. Hemm terga tittajjar il-bandiera tal-imhabba.

Tlieta (icapcpu) Bravu! Bravu!

Kolos Ilna ma nisimghu priedka bhal din! Xi tghid Ljubowsky?

Korg Hallih lil Ljubowsky, m'intix tara li qieghed jnestasi!

Kamen (Lil Ljubowsky) ~~Xxgmin~~ MIGNUN!

Ljub Le, traditur ghajjatli.

Kamen U bhala traditur narrestak.

Kolos U ahna stess norbtuk mal-forka!!

Korg Nghattulu ghajnejh.....

Kamen U nobzqulu f'wiccu.

Ljub U jien nidhak ghall-insulti taghkom!!

P Marj (Lil Ljubowsky) Hija, hares lejn is-salib; hekk ukoll insultaw lil Iben Divin; imma Gesu' miet jahfer u jitlob ghall-eghdewwa tieghu.

Kamen Tridx inpoggulek is-salib fuq spalltek, b'hekk tkun tista' taghmel Vija Sakra gdida! ?

Ljub Iva, dal-lejl kien il-hin kollu fuq sidri. Padre, dalwaqt jisbah; nixtieq nitlob imma nsejt kif....

P Marj Nghidlek jien kif...taqtax qalbek...

Ljub Minn hawn u ftit iehor ma narawx lil xulxin iktar. Patri Marjanu, jiena dnibt...dnibt izzejjed....

P Marj Quddiemi, sacerdot ta' Kristu, stqarrejt dnubietek u jiena nahfirlek...Ego

Ljub (Jinzel gharkubtejh)

te absolvo a peccatis tuis -- in nomine patris et

P Marj Te absolvo a peccatis tuis ... in nomine patris et

filii et spiritus sancti..

Tlieta (Bid-dahka) Amen'!.

Kamen Mattew Ljubowsky, Soviet tar-Russja Komunista uissa traditur, jiena, f'isem ir-Republika, niddikjarak taht arrest mas-sacerdot Patri Marjano Sokolowsky!

Ljub Ahna nigu mieghek, Kamenez. Imma habib, f'gieh ir-Republika li jiena rrinegajt ~~xxkk~~ hallini nsellem qabel nitlaq lill-mahbub seftur tieghi Leonida..

Leon Ma hemmx ghalfejn, Sinjur. Jiena, li ma tul dawn il-jiem kollha kelli x-xorti li niftahlek ghajnejk ghat-triq tas-sewwa, arani miexi ghal warajk biex nibqa' nitpaxxa bik sa l-ahhar nifs ta' hajtek. Id-demm tal-martri hu z-zerriegha ta' nsara godda...VIVA KRISTU RE!!

PURTIERA

---